32005R1974

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1974/2005

tat-2 ta' Diċembru 2005

li jemenda l-Annessi X u XI għar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-laboratorji ta' referenza nazzjonali u materjal speċifikat ta' riskju

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered [1], u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 23 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jistabbilixxi lista ta' laboratorji nazzjonali dežinjati għall-Enċefalopatija Sponġiformi li Tinxtered (TSEs).

(2) Ċerti Stati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni b'xi bidliet fl-isem u l-indirizz tal-laboratorji ta' referenza nazzjonali tagħhom, għalhekk il-lista ta' dawk il-laboratorji għandha tiġi aġġornata.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jiddežinja ċerti tessuti ta' annimali bovini bħala materjal speċifikat ta' riskju u jistabbilixxi r-regoli għat-tneħħija tiegħu.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jipprevedi li l-esportazzjoni tal-materjal speċifikat ta' riskju hija projbita iżda tista' tiġi awtorizzata biss bil-ħsieb tal-qirda aħħarija tiegħu. Miżuri ta' tranżizzjoni stabbiliti fl-Anness XI għal dak ir-Regolament jipprevedu li l-karkassi, in-nofskarkassi u kwartijiet li ma fihomx materjal speċifikat ta' riskju minbarra l-kolonna vertebrali jistgħu jiġu mibgħuta lil Stat Memrbu ieħor, fejn kolonna vertebrali għandha titneħħa skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja. Mhux żgur li għandha titneħħa l-kolonna vertebrali fil-każ ta' esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi. Għal raġunijiet ta' sikurezza fl-ikel, eċċezzjoni bħal din m'għandhiex titħalla għall-esportazzjonijiet tal-materjal speċifikat ta' riskju.

(5) Fl-Opinjoni tiegħu tad-9 ta' Diċembru 1997 il-Kumitat ta' Ġestjoni Xjentifiku (SSC) issuġġerixxa lista ta' materjali speċifikati ta' riskju (*SRM*) fl-annimali bovini li m'għandhomx jiġu kkunsmati mill-bniedem u l-annimali abbażi ta' l-infettività relattiva tat-tessut, l-ispeċi u l-età. Din l-opinjoni ġiet reveduta u aġġornata mill-opinjonijiet ta' l-*SSC* dwar ir-riskju ta' l-Enċefalopatija Sponġiformi tBovina (BSE) fi Frar ta' l-1998, fuq l-esponiment tal-bniedem għar-riskju permezz ta' l-ikel fir-rigward tal-*BSE* f'Diċembru 1999, dwar l-esponiment orali tal-bnedmin għall-aġent tal-*BSE* f'April tas-sena 2000 u dwar l-infettività tad-distribuzzjoni tat-*TSE* fit-tessuti tal-bhejjem li jixtarru f'Jannar ta' l-2002.

(6) L-*SSC* qies li huwa estremament improbabbli li qabel it-30 xahar is-sistema nervuża tkun infettata b'mod osservabbli anke fil-bhejjem esposti għall-infezzjoni sa minn meta jkunu għoġġiela. Minkejja dan, l-osservazzjoni eċċezzjonali ta' annimali żgħar b'sinjali kliniċi ta' *BSE* tat lok għal strateġija meqjusa u, għalhekk, l-*SSC* rrakomanda it-tneħħija ta' *SRM* varji mill-bhejjem ta' 12-il xahar jew akbar. Dik ir-rakkomandazzjoni wasslet għad-deċiżjoni ta' ġestjoni li tistabbilixxi limitu ta' età għat-tneħħija ta' ċerti *SRM* fl-annimali bovini ta' tnax-il xahar.

(7) Fatturi differenti jindikaw tendenza favorevoli fl-epidemija tal-*BSE* u titjib ċar tas-sitwazzjoni fis-snin riċenti minħabba l-miżuri tat-tnaqqis tar-riskju fis-seħħ, partikolarment, il-projbizzjoni sħiħa ta' l-għalf u t-tneħħija u l-qirda ta' l-*SRM*. Barra minn hekk, rapporti ta' spezzjonijiet jindikaw li ttejbet l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-*BSE* fl-Istati Membri. Wara li titqis l-evoluzzjoni ta' l-epidemija tal-*BSE* u dejta ġdida disponibbli mill-istudji tal-patoġenisi tal-*BSE*, il-Kummissjoni Ewropea ressqet mandat ġdid għall-Aworità Ewropea tas-Sikurezza Alimentari f'Ottubru ta' l-2004 għal evalwazzjoni tal-limitu ta' l-età għat-tneħħija ta' l-*SRM* fil-bovini.

(8) L-età medja tal-każi tal-*BSE* rapportati fil-UE telgħet minn 86 għal 108 xahar bejn l-2001 u l-2004. Erba' każi ta' *BSE* biss ta' taħt l-età ta' 35 xahar minn total ta' 6 520 każ ta' BSE fuq total ta' qrib il-41 miljun annimal ttestjat mill-2001 ġew irrapportati.

(9) Fl-opinjoni tagħha tat-28 ta' April 2005 l-*EFSA* kkonkludiet li fuq il-bażi ta' l-għarfien xjentifiku attwali l-infettività osservabbli tidher f'madwar 3/4 mill-perjodu ta' l-inkubazzjoni.

[1] ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1, Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1292/2005 (ĠU L 205, 6.8.2005, p. 3).

(10) Għalhekk teżisti bażi xjentifika għar-reviżjoni tal-limitu ta' l-età għat-tneħħija ta' ċerti *SRM* mill-annimali bovini, partikolarment fir-rigward tal-kolonna vertebrali. Bil-ħsieb ta' l-iżvilupp ta' l-infettività fis-sistema nervuża ċentrali waqt il-perjodu ta' inkubazzjoni, l-istruttura ta' l-età tal-każi pożittivi għall-BSE u t-tnaqqis fl-esponiment tal-bhejjem mwielda wara l-1 ta' Jannar 2001 il-limitu ta' l-età għat-tneħħija tal-kolonna vertebrali, inkluż l-għerq dorsali ta' l-annimali bovini bħala materjal speċifikat ta' riskju jista' jiżdied għal 24 xahar. Dan il-limitu ta' età jista' jiġi revedut fid-dawl ta' l-evalwazzjoni tat-tifqigħa tal-*BSE*.

(11) Ir-Reġolament (KE) Nru 999/2001 għandu għalhekk jiġi emendat kif jixraq,

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi X u XI tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 huma emendati skond l-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu *fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2006.

Dan ir-Regolament ser jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar it-2 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Anness X u XI tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Anness X, il-Kapitolu A, punt 3 qiegħed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-laboratorji nazzjonali ta' referenza huma:

L-Awstrija	Österreichische Agentur für Gesundheit und Ernährungssicherheit GmbH, Institut für veterinärmedizinische Untersuchungen Mödling Robert-Koch-Gasse 17 A-2340 Mödling
Il-Belġju	CERVA -CODA-VAR Centre d'Étude et de Recherches Vétérinaires et Agrochimiques Centrum voor Onderzoek in Diergeneeskunde en Agrochemie Veterinary and Agrochemical Research Centre Groeselenberg 99 B-1180 Bruxelles
Ċipru	State Veterinary Institute Veterinary Services 1417 Athalassa Nicosia
Ir-Repubblika Ċeka	Státní veterinární ústav Jihlava Rantířovská 93 586 05 Jihlava
Id-Danimarka	Danish Institute for Food and Veterinary Research Bülowsvej 27 DK-1790 Copenhagen V
L-Estonja	Veterinaar ja Toidulaboratoorium Kreutzwaldi 30 Tartu 51006
Il-Finlandja	Eläinlääkintä- ja elintarvikelaitos Hämeentie 57 FIN-00550 Helsinki
Franza	Agence française de sécurité sanitaire des aliments (AFSSA) Laboratoire de pathologie bovine 31, avenue Tony Garnier 69 364 Lyon Cedex 07
Il-Ġermanja	Friedrich-Loeffler-Institut, Bundesforschungsinstitut für Tiergesundheit Anstaltsteil Insel Riems Boddenblick 5A D-17498 Insel Riems
il-Greċja	Ministry of Agriculture -Veterinary Laboratory of Larisa 7th km of Larisa — Trikala Highway GR-411 10 Larisa
L-Ungerija	Országos Állategészségügyi Intézet (OÁI) Pf. 2. Tábornok u. 2. H-1581-Budapest
L-Irlanda	Central Veterinary Research Laboratory Young's Cross Celbridge Co. Kildare
L-Italja	Istituto Zooprofilattico Sperimentale del Piemonte Liguria e Valle d'Aosta CEA Via Bologna I-148 10150 Torino
il-Latvja	State Veterinary Medicine Diagnostic Centre Lejupes Str.3 Riga LV 1076

Il-Litwanja	Nacionalinė veterinarijos laboratorija J. Kairiūkščio g. 10 LT-2021 Vilnius
Il-Lussemburgu	CERVA -CODA-VAR Centre d'Étude et de Recherches Vétérinaires et Agrochimiques Centrum voor Onderzoek in Diergeneeskunde en Agrochemie Veterinary and Agrochemical Research Centre Groeselenberg 99 B-1180 Bruxelles
Malta	Central Veterinary Laboratory, Albert Town Marsa Malta
L-Olanda	Centraal Instituut voor Dierziektecontrole-Lelystad Houtribweg 3g 8221 RA Lelystad Postbus 2004 8203 AA Lelystad
Il-Polonja	National Veterinary Research Institute 24-100 Pulawy al. Partyzantow 57
Portugal	Laboratório Nacional de Investigaçao Veterinária (LNIV) Estrada de Benfica 701 P-1500 Lisboa
Is-Slovakkja	State Veterinary Institute Pod drahami 918 SK-960 86, Zvolen
Is-Slovenja	National Veterinary Institute Gerbiceva 60 1000 Ljubljana
Spanja	Laboratorio Central de Veterinaria (Algete). Ctra. de Algete km. 8. 28110 Algete Madrid
L-Iżvezja	National Veterinary Institute S-751 89 Uppsala
Ir-Renju Unit	Veterinary Laboratories Agency Woodham Lane New Haw Addlestone Surrey KT15 3NB"

2. L-Anness XI, Parti A, huwa emendat kif se jmiss:

a) Il-punt (a)(i) hu mibdul b'dan li ġej:

"i) il-kranju minbarra x-xedaq u inklużi l-moħħ u l-għajnejn, u s-sinsla tad-dahar ta' l-annimali bovini li għandhom 'il fuq minn 12-il xahar, il-kolonna vertebrali minbarra l-vertebri tad-denb, il-proċessi spinali u trasversi tal-vertebri ċervikali, toraċiku u tal-ġenbejn u l-kresta ta' l-ossu sagru medjana u l-ġwienaħ ta' l-ossu sagru, iżda inkluż l-għerq dorsali ta' l-annimali bovini ta' 'l fuq minn 24 xahar fl-età, u t-tunsilli, l-intestini mid-duwodenu sar-rektum u l-mindila ta' l-annimali bovini ta' kull età;"

b) il-punt 13 huwa mibdul b'dan li ġej:

"13. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jippermettu li l-irjus jew il-karkassi sħaħ (mhux mqatta') li jkun jinstab fihom materjal speċifikat ta' riskju jintbagħtu fi Stat Membru ieħor wara li dak l-Istat Membru l-ieħor ikun qabel li jirċievi l-materjal u jkun approva l-kundizzjonijiet speċifiċi applikabbli għal dan it-trasport.

Madankollu l-karkassi, in-nofs karkassi jew in-nofs karkassi maqtugħa f'mhux iktar minn tliet biċċiet, u kwartijiet li ma fihom l-ebda materjal speċifikat ta' riskju minbarra il-kolonna vertebrali, inkluż l-għerq dorsali, jista' jiġi importat minn pajjiż terz fi Stat Membru, jew jista' jintbagħat lil Stat Membru ieħor min-għajr ma' dan ta' l-aħħar ikun aċċetta minn qabel

esportazzjonijiet barra l-Komunità ta' irjus u laħam frisk ta' l-annimali bovini, ovini u kaprini li fihom materjal speċifikat ta' riskju se jiġu pprojbiti."